# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 51

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (5:30pm) nhar **it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**51.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

51.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

51.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 50 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**51.3 Korrispondenza**

51.3.1 Preżentata l-applikazzjoni għall-iskema **SPI/SCI/6/2022 Fond ta' Manutenzzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**, fejn permezz ta' din l-applikazzjoni qed issir talba biex isir xogħol ta' manutenzzjoni tal-Foss tal-Birgu, liema proġett kien twettaq mill-Gvern Ċentrali fis-sena 2016. Il-kunsilliera preżenti qablu u approvaw il-proġett marbut ma' din l-applikazzjoni u approvaw ukoll il-finanzjament ta' 15% li l-kunsill mistenni jiffinanzja.

**N.B. Il-Korrispondenza l-oħra ġie deċiż li titressaq fil-laqgħa li jmiss minħabba l-preżentazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2021.**

**51.4 Preżentazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2021**

51.4.1 Is-Sinjura Charlene Tabone Spalding minn PKF Malta, il-kumpanija responsabbli mill-*accounts* tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, preżentat ir-rapport tal-***Unaudited Financial Statements*** għas-sena 2021.

51.4.2 Matul il-preżentazzjoni, saru diversi mistoqsijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera dwar għadd ta' punti. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvaw dan ir-rapport finanzjarju tas-sena 2021 sabiex jintbagħat lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur.

**51.5 Birgufest 2022**

51.5.1 Ma saret ebda diskussjoni fuq dan il-punt.

**51.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.6.1 Ebda mistoqsijiet mill-kunsilliera jew komunikazzjoni mis-Sindku.

**51.7 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

51.7.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 43** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6322 sa BOV6345** u **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 44** għall-attività ta' Jum il-Birgu li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru **BOV6346 sa BOV6348** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**51.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

51.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **26 ta' Ottubru 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |